DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

14 ta' Frar 2017 *

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Annullament tat-trade mark figurattiva preċedenti li sservi ta' bażi għad-deċiżjoni kkontestata — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni"

Fil-Kawża T-333/14,

Andreas Helbrecht, residenti f'Hilden (il-Ġermanja), irrappreżentat minn C. König, avukat,

rikorrent,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn M. Rajh, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, hija

Lenci Calzature SpA, stabbilita f'Turchetto-Montecarlo (l-Italja), irrappreżentata minn F. Celluprica u F. Fischetti, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-27 ta' Frar 2014 (Każ R 830/2013-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Lenci Calzature u A. Helbrecht,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise u R. da Silva Passos (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

1 Fit-8 ta' Jannar 2009, ir-rikorrent, Andreas Helbrecht, ippreżenta applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)].

2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali SportEyes. Il-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu fil-klassi 25 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni sussegwenti: "Żraben tal-ġilda, imitazzjoni tal-ġilda, lastku jew materjal tal-plastik, żraben u stvali tax-xita; xedd ir-ras tad-drapp, xedd ir-ras tal-ġilda u imitazzjoni tal-ġilda, xedd ir-ras tal-lastku jew ta' materjal tal-plastik, b'mod partikolari brieret bil-viżieri; ħwejjeġ tad-drapp, ġilda u imitazzjoni tal-ġilda, lastku jew materjal tal-plastik; ingwanti".

3 L-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea ġiet ippubblikata fil-*Bulettin tat-trade marks Komunitarji* Nru 11/2009, tat-30 ta' Marzu 2009.

4 Fid-29 ta' Ġunju 2009, l-intervenjenti, Lenci Calzature SpA, ressqet oppożizzjoni, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009, għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, għall-prodotti msemmija fil-punt 2 iktar 'il fuq.

5 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq id-drittijiet preċedenti li ġejjin:

— it-trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea sussegwenti, ippreżentata fil-15 ta' Ottubru 2004 u rreġistrata fis-6 ta' Settembru 2008 taħt in-numru 4073334, għal prodotti inklużi fil-klassi 25, jiġifieri "żraben, stvali, papoċċi u xedd is-saqajn inġenerali, ħwejjeġ u xedd ir-ras":



— it-trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea sussegwenti, ippreżentata fil-15 ta' Ottubru 2004 u rreġistrata fil-5 ta' Settembru 2008 taħt in-numru 4077251, għal prodotti inklużi fil-klassi 25:



— it-trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea sussegwenti, ippreżentata fil-15 ta' Ottubru 2004 u rreġistrata fil-5 ta' Settembru 2008 taħt in-numru 4077236, għal prodotti inklużi fil-klassi 25:



— it-trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea sussegwenti, ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2000 u rreġistrata fl-24 ta' Lulju 2001 taħt in-numru 1683986, għal prodotti inklużi fil-klassi 25:



6 Ir-raġuni invokata insostenn tal-oppożizzjoni kienet dik imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

7 Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Marzu 2013, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, wara li eżaminat l-oppożizzjoni fir-rigward tat-trade mark waħda preċedenti rreġistrata taħt in-numru 4073334, laqgħet l-oppożizzjoni għall-prodotti kollha inkwistjoni.

8 Fit-3 ta' Mejju 2013, ir-rikorrent ppreżenta appell quddiem l-EUIPO, skont l-Artikoli 58 sa 60 tar-Regolament Nru 207/2009, kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

9 Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2014 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u ċaħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Il-Bord tal-Appell indika, fil-punt 16 tad-deċiżjoni kkontestata, li huwa kien beda bl-eżami tat-trade mark preċedenti rreġistrata taħt in-numru 4073334. Huwa qies, fil-punti 17 sa 19 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-territorju rilevanti kien dak tal-Unjoni Ewropea u li l-konsumatur ikkonċernat kien il-pubbliku inġenerali normalment informat u raġonevolment attent u avżat, li l-livell ta' attenzjoni tiegħu kellu jitqies bħala medju. Fil-punt 20 tad-deċiżjoni kkontestata l-Bord tal-Appell qabel mal-konstatazzjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li l-prodotti inkwistjoni kienu identiċi. Fil-punti 30 u 31 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Bord tal-Appell qies li, fuq il-livell viżwali kif ukoll fuq dak fonetiku, is-sinjali kunfliġġenti kienu simili. Fil-punt 32 ta' din id-deċiżjoni, huwa qies li, fuq il-livell kunċettwali u fir-rigward tal-pubbliku Anglofonu, dawn is-sinjali kienu kunċettwalment simili ħafna. Għaldaqstant, fil-punt 33 ta' din id-deċiżjoni, il-Bord tal-Appell ikkonkluda li kien hemm xebh bejn is-sinjali kunfliġġenti. Fir-rigward tal-probabbiltà ta' konfużjoni, il-Bord tal-Appell qies, fil-punti 34 sa 40 tad-deċiżjoni kkontestata, li,

fid-dawl tal-immaġni imperfetta tat-trade marks li l-konsumatur kien iżomm f'moħħu, kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward tal-identiċità tal-prodotti inkwistjoni u tax-xebh ta' dawn is-sinjali. Wara li indika, fil-punt 39 tad-deċiżjoni kkontestata, li, għal raġunijiet ta' ekonomija tal-proċedimenti, huwa ma kienx ser jeżamina t-trade marks l-oħra preċedenti li fuqhom kienet ibbażata l-oppożizzjoni, il-Bord tal-Appell ċaħad l-appell.

10 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent ppreżenta dan ir-rikors.

11 L-EUIPO ppreżenta r-risposta tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Ottubru 2014.

12 L-intervenjenti ppreżentat ir-risposta tagħha fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Ottubru 2014.

13 Fir-rikors, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

14 Fir-risposti tagħhom, l-EUIPO u l-intervenjenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

15 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrent għarraf lill-Qorti Ġenerali bil-fatt li d-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO kienet iddikjarat it-trade marks figurattivi preċedenti ċċitati fil-punt 5 iktar 'il fuq jew revokati (Deċiżjoni Nru 10958 C, tat-3 ta' Marzu 2016, dwar it-trade mark irreġistrata taħt in-numru 1683986), jew invalidi (Deċiżjonijiet Nri 12041 C, 12042 C u 12040 C, tas-7 ta' Lulju 2016, dwar it-trade marks irreġistrati taħt in-numri 4073334, 4077236 u 4077251), fejn dawn id-deċiżjonijiet kienu kollha saru definittivi.

16 Fl-24 ta' Novembru 2016, il-Qorti Ġenerali, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, ikkomunikat lill-partijiet miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li permezz tagħha hija stednithom jesprimu ruħhom fuq il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl tal-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet, dan ir-rikors kienx għad dejjem għandu skop.

17 Bi tweġiba, ir-rikorrent, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Diċembru 2016, essenzjalment ippreċiża, li huwa kien iqis li r-rikors kien għad għandu skop, peress li dan kien intiż sabiex jikseb ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, sakemm il-Qorti Ġenerali ma għandhiex l-intenzjoni tannulla d-deċiżjoni kkontestata, minħabba li t-trade marks preċedenti kienu s-suġġett ta' dikjarazzjonijiet ta' invalidità jew ta' revoka.

18 L-intervenjenti, min-naħa tagħha, indikat, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Diċembru 2016, li, fl-opinjoni tagħha, ir-rikors ma kienx għad għandu skop.

19 L-EUIPO, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Diċembru 2016, ikkonferma ukoll in-natura definittiva tal-erba' deċiżjonijiet imsemmija fil-punt 15 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, huwa indika li huwa kien tal-opinjoni li, peress li t-trade mark preċedenti rreġistrata taħt in-Numru 4073334, li fuqha kienet ibbażata d-deċiżjoni kkontestata, kienet ġiet iddikjarata invalida permezz tad-Deċiżjoni Nru 12041 C tas-7 ta' Lulju 2016, dan ir-rikors ma kienx għad għandu skop. Fl-aħħar nett, l-EUIPO kien tal-opinjoni li r-rikorrent kellu jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

Id-dritt

20 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, proċedimenti ta' oppożizzjoni ma jkollhomx skop fil-każ li tiġi ddikjarata l-invalidità tat-trade mark preċedenti li fuqha dawn ikunu bbażati [ara s-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Ice Mountain Ibiza vs EUIPO – Etyam (ocean beach club ibiza), T-753/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:312, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata].

21 Għaldaqstant, f'tali każ, ir-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell ukoll jitlef l-iskop tiegħu [digriet tas-27 ta' Settembru 2010, Hidalgo vs UASI – Bodegas Hidalgo – La Gitana (HIDALGO), T-365/08, mhux ippubblikat, EU:T:2010:407, punt 6, u sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, ocean beach club ibiza, T-753/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:312, punt 25].

22 Fil-fatt, skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament Nru 207/2009, it-trade mark tal-Unjoni Ewropea li tkun ġiet iddikjarata invalida għandha titqies li ma kellhiex, sa mill-bidu, l-effetti previsti minn dan ir-regolament. Minn dan jirriżulta li t-trade mark preċedenti għandha titqies li ma pproduċietx l-effetti tagħha u, għaldaqstant, li ma setgħetx tkun ta' bażi għal oppożizzjoni kontra t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015, Three-N-Products vs UASI – Munindra (PRANAYUR), T-543/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:134, punt 16].

23 F'dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata hija esklużivament ibbażata fuq l-eżami tal-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade mark preċedenti rreġistrata taħt in-numru 4073334, li kkostitwixxa r-raġuni li għaliha d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħet l-oppożizzjoni. Issa, huwa paċifiku li, permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2016, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ddikjarat din it-trade mark preċedenti invalida u li din id-deċiżjoni saret definittiva.

24 Għaldaqstant, sussegwentement għall-annullament tat-trade preċedenti rreġistrata taħt in-numru 4073334, l-unika trade mark preċedenti li abbażi tagħha l-oppożizzjoni fid-deċiżjoni kkontestata hija ddikjarata fondata ma baqgħetx teżisti u l-proċedimenti ta' oppożizzjoni saru bla skop fir-rigward ta' din it-trade mark preċedenti. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 131 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, dan ir-rikors ma għadx għandu skop u ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.

25 Għalkemm ir-rikorrent isostni li deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fuq il-mertu f'dawn il-proċeduri tipprovdilu vantaġġ, għandu jiġi nnotat li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-interess ġuridiku għandu jissussisti sa meta tingħata d-deċiżjoni ġudizzjarja taħt piena li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, fatt li jissupponi li r-rikors jista', permezz tal-eżitu tiegħu, jipprovdi vantaġġ lill-parti li tkun ippreżentatu (sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 42, u digriet tal-11 ta' Ottubru 2007, Wilfer vs UASI, C-301/05 P, mhux ippubblikat, EU:C:2007:593, punt 19; ara, ukoll, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2010, Ryanair vs Il-Kummissjoni, T-494/08 sa T-500/08 u T-509/08, EU:T:2010:511, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Issa, għandu jiġi kkonstatat, f'dan il-każ, li deċiżjoni fuq il-mertu tal-Qorti Ġenerali ma tistax tagħti vantaġġ lir-rikorrent. Fil-fatt, skont l-Artikolu 64(3) tar-Regolament Nru 207/2009, id-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell jidħlu fis-seħħ biss mid-data tal-iskadenza tat-terminu msemmi fl-Artikolu 65(5) tar-Regolament Nru 207/2009 jew, jekk ikun ġie ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Unjoni, mid-data taċ-ċaħda tiegħu. Issa, ebda wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet ma jqum fil-każ fejn, bħal f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni [digriet tas-26 ta' Novembru 2012, MIP Metro vs UASI – Real Seguros (real,- QUALITY), T-548/11, mhux ippubblikat, EU:T:2012:623, punt 23; ara, wkoll, f'dan is-sens, id-digrieti tat-3 ta' Lulju 2003, Lichtwer Pharma vs UASI – Biofarma (Sedonium), T-10/01, EU:T:2003:182, punt 17, u tal-11 ta' Settembru 2007, Lancôme vs UASI – Baudon (AROMACOSMETIQUE), T-185/04, mhux ippubblikat, EU:T:2007:249, punt 22]. Dan ir-rikors jitlef l-iskop tiegħu peress li d-deċiżjoni kkontestata hija *ipso jure* meqjusa li ma kellhiex, sa mill-bidu, l-effetti previsti mir-Regolament Nru 207/2009 u, għaldaqstant, li ma setgħetx tilqa' oppożizzjoni, hekk kif jirriżulta mill-punti 21 u 22

iktar 'il fuq. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ma tistax tiddeċiedi fuq il-legalità ta' deċiżjoni li, bħad-deċiżjoni kkontestata, ma għandha ebda effett legali. Għall-istess raġunijiet, *a fortiori*, hija ma tistax tannullaha.

27 Barra minn hekk, meta tiġi adita b'talba għal annullament, ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jirrigwarda l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO fis-sens tal-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 207/2009 [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, Fiorucci vs UASI – Edwin (ELIO FIORUCCI), T-165/06, EU:T:2009:157, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata]. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali twettaq stħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet tad-dipartimenti tal-EUIPO u ma tistax, f'kull każ, tissostitwixxi l-motivazzjoni tad-dipartiment kompetenti tal-EUIPO, li huwa l-awtur tal-att ikkontestat, b'dik tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, ELIO FIORUCCI, T-165/06, EU:T:2009:157, punt 65). Għaldaqstant, hija ma għandhiex tiddeċiedi fuq il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade marks l-oħra preċedenti, jiġifieri t-trade marks irreġistrati taħt in-numri 1683986, 4077236 u 4077251 li ġew revokati (1683986) jew iddikjarati invalidi (4077236 u 4077251). Tali eżami għandu jsir, jekk ikun meħtieġ, mill-EUIPO skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

28 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.

Fuq l-ispejjeż

29 Skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura, fil-każ li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

30 F'dan il-każ, ir-rikorrent talab li l-intervenjenti u l-EUIPO jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

31 L-EUIPO, min-naħa tiegħu, talab li r-rikorrent jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li n-nuqqas ta' lok li tingħata deċiżjoni f'din il-kawża huwa dovut għall-annullament tat-trade mark figurattiva preċedenti li fuqha l-oppożizzjoni hija bbażata.

33 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi deċiż li l-intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrent. L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

tordna:

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) Lenci Calzature SpA għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Andreas Helbrecht. L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Frar 2017.

E. Coulon
Reġistratur

S. Gervasoni
President